**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U TLETIN 24TA' AWWISSU, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **39.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 39.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **39.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 39.2.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qed jitlob li l-Kunsill iħallas għal jumejn akkomodazzjoni għalih, għal Morphou, f'Ottubru li ġej, peress li l-Kunsill ta' Morphou mhux ser iħallas għalihom. Hu qal li ser jitla' Morphou jumejn qabel ma titla s-Sindku, biex jagħmel laqgħa mas-Sindku ta' Morphou. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 39.2.2 | | Fuq punt 38.7.1 is-Sindku qalet li l-Kunsill ipprova joħloq inizjattiva ta' kummeċ lill-każini u ħwienet, imma ma irnexxietx, għax ma kienx hemm konkorrenza tan-nies. Kien hemm qbil li terġa ssir fil-festi pubbliċi li jmiss. Is-Sindku qalet li jekk fil-ġranet li jmiss jerġa ma jkunx hemm konkorrenza, l-Kunsill jipporva joħloq din l-inizjattiva matul il-weekend. |
| | | |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 39.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmienja u tletin - il seduta. |
| | | |
| ***39.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 39.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima, qalet li fl-okkażjoni tal-għeluq tal-ħidma tar-Rev. Arċipriet, fiż-Żurrieq, tissuġġerixxi li tistiednu fil-Kunsill biex f'isem il-Kunsill tagħtih rikonoxximent.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 39.3.2 | | Is-Sindku qalet li rċeviet messaġġ miż-Żurrieq Wolves li minħabba li ser jagħmlu attivita fil-Ġnien il-Ġibjun, il-Kunsill talab il-ħlas tal-permess, meta huma offrew is-sala bla ħlas għall-kunsill.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jimxi ma kulħadd l-istess u għandu jħallas kulħadd, filwaqt li jirringrazzja liż-Żurrieq Wolves tali offrew is-sala bla ħlas lill-Kunsill. Kien hemm qbil li għandu jħallas kulħadd. |
| | | |
| | | |
| 39.3.3 | | F'dan il-punt daħal għas-seduta l-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| ***39.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 39.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li l-bieraħ mar fejn il-Mitħna tax-Xarolla u qal li hemm bżonn li jibda kemm jista jkun malajr il-manutenzjoni tal-madwar.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li apparti li l-ħaxix jinqata ta' spiss, il-Kunsill ilu madwar 5 snin jinsisti biex jibda l-proġett tal-embelishement tal-Mitħna tax-Xarolla u l-madwar. Il-permess wasal u ħarġet it-tender u qabel ma jiġi iffirmat il-proġett mal-PA ma jkunx jista jibda. Din is-sena ser jibda u l-proġett isir realta. L-affarijiet jieħdu snin ta' taħdidiet u preparamenti. |
| | | |
| 39.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri ssuġġerixxa :<br>• li jsiru bus shelters kull fejn hemm bus stops jew fil-maġġoranza. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li fil-viċin il-kunsill ser ikollu permess biex issir bus shelter fi Triq Bronja.<br>• Hu ssuġġerixxa ukoll li jkun hemm trasport għan-Nigret.<br>• Kien hemm qbil li tintalab laqgħa ma Malta Public Transport u ngħaddulhom l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti.<br>• Staqsa fuq risk assesment tal-playing fields. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma jsirux, imma issir manutenzjoni ta' spiss.<br>• Għandu jiżdied il-ħin tad-dawl fi Ġnien it-tfal taż-Żurrieq.<br>• Barrier imkissra fi Vjal ix-Xarolla. Kien hemm qbil li tissewwa jew tiddaħħal mal-proġett tal-culvert.<br>• Saret applikazzjoni biex Wied Fulija issir park u mhux post ta' riabilitazzjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-Wasteserv fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 39.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• kellha mistoqsija fuq il-purċissjoni ta' Corpus, jekk il-Kunsill jistax iħalli tabelli biex ma jipparkjawx karozzi fil-pjazza u l-madwar. Tajjeb li l-Arċipriet il-ġdid jinsisti mal-għassa biex l-akwata tkun bla parkeġġ.<br>• Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel laqgħa mas-Supretendent. Kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss jiġi mistieden.<br>• Rigward il-cat cafe qalet li PA talbu spjegazzjoni u li l-Kunsill jirrevedi l-pjanti minħabba s-CRPD. L-affarijiet kellhom jerġgħu jibdew mil-bidu minħabba s-saqaf tal-cat cafe. Il-PA qed tistenna mill-perit tal-Kunsill biex iwieġeb u dan għadu ma wieġibx. Qabel ma jsir is-saqaf għal cat cafe ma jkunux jistgħu jiddaħlu qtates.<br>• Hi qalet li ser tikteb dan kollu fil-Kunsill News li jmiss, għax dan hu dritt li r-residenti jkunu jafu. |
| | | |
| 39.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal :<br>• li fi Triq Hompesch kien hemm bins li tneħħew. Kien hemm qbil li jergħu jitpoġġew.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia hemm persuna qed tħalli l-klieb barra biex jagħmlu l-qagħdi tagħhom u jerġgħu jidħlu fid-dar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li irrappurtat diversi drabi lill-pulizija. |
| | | |
| 39.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li kemm hu, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku kellhom laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing Department u d-Direttur Ġenerali approva li jgħin lill-Kunsill fil-knis, bi ħlas, sakemm tiġi aġġudikata t-tender. |
| | | |
| 39.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato tkellem fuq:<br>• Iċ-ċnut tas-sejjieħ li hemm f' Ħal Millieri jinsabu kollha mtajrin. Dan xogħol jistgħu jagħmluh l-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia hemm bollard tal-MTA li iċċarat ħafna. Kien hemm qbil li jagħmel il-manutenzjoni tagħha l-Kunsill.<br>• Il-Kunċert tat-30 ta' Settembru, li ser jiġi ppreżentat minn Veronica Farrugia. Qed isiru ħafna preparamenti u l-Ħamis isir l-aħħar rehersal. Il-Kunċert ser isir fil-bitħa tal-iskola. Wara l-kunċert issuġġerixxa li jkun hemm bibita għal 150 ruħ. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Is-Surmast Chris Role kellu laqgħa ma' Ministru biex iġib fondi għall-mużika li kieteb hu, ta' Apokalissi ta' San Gwann, bl-orkestra tal-Kunsill. L-orkestra ser tissemma ħafna u ser iddoqq fi knisja fil-Belt Valletta. Jekk ma jittieħdux il-fondi ma jkunx jista jsir dan l-avveniment. U jekk jittieħdu l-fondi ta' 85% , il-Kunsill qed jintalab li joħroġ 15% tal-proġett. Kien hemm qbil li ġaladarba l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u l-orkestra tiegħu ser jissemmew, l-Kunsill għandu jħallas il 15% ta' dan. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 39.4.7 | | Il-Kunsill Kyle Mifsud –<br>• Tappiera mniżla f'Wesgħa Frangisk Bugeja<br>• Jeħtieġ li jsir bank fejn l-ewwel bus stop ta' qabel tinsel it-Triq tal-Wied. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Triq Bronja jeħtieġ li jsiru refresh tal- parking bays.<br>• Qed ikollu ilmenti li fi Ġnien il-Ġibjun kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt qed ikun hemm diski b'volum għoli. Ir-residenti qed jgħidu li l-ġnien hu post ta' rilassament u mhux dejjem ikun hemm id-diski. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa jagħti l-permess għal dawn l-attivitajiet.<br>• Jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir dekorazzjoni fi Vjal ix-Xarolla. Jeħtieġ li jinġibu stimi ta' kemm jiġu jekk jinkrew u kemm jinxtraw. |
| | | |
| ***39.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| | | |
| **39.6** | | **SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom.** |
| | | |
| 39.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din l-applikazzjoni tagħlaq fl-14 ta' Ottubru, 2022.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jissuġġerixxi li l-Kunsill japplika għall-proġett ta' Misraħ Repubblika.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 39.6.2 | | Skema ġdida għal proġetti sostenibbli mill-Kunsilli Lokali.<br>Il-kunsilli lokali huma mħeġġa li jipproponu proġetti li jkomplu jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti. L-applikazzjoni tagħlaq fit-23 ta' Settembru, 2022.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill kien qabel li jsir dawl mal-palm ta' Vjal il-Blue Grotto u kienet saret waħda biex il-Kunsill jara kif ser jiġu. Dan il-proġett hu possibbli li jsir imma l-istima kienet għolja. Kien hemm qbil li ssir laqgħa kemm jista jkun malajr mal-Ministru Miriam Dalli fuq dan is-suġġett, ħalli l-Kunsill ikun jista japplika għal dawn il-fondi. |
| | | |
| **39.7** | | **Riżoluzzjoni numru 1, mressqa mis-Sindku u sekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia – Stemma taż-Żurrieq** |
| | | |
| 39.7.1 | | Is-Sindku qalet li ħadet parir ta' espert tal-istorja taż-Żurrieq wara li l-Kunsillier Kenneth Farrugia kien issuġġerixxa li ssir petizzjoni biex l-kuluri tal-istemma tinbidel. Hi qrat dak li rrisponda l-espert.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku ressqet u qrat ir-riżoluzzjoni mressqa minnha u ssekondata mill-Kunsilier Kenneth Farrugia. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm diskussjoni.<br><br>Din ġiet approvata unanimament.<br><br>Tali talba ser tiġi mgħoddija lid-Direttur Ġenerali għall-kunsiderazzjoni tiegħu. |
| | | F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta 20:44. |
| | | |
| **39.8** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***39.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 39.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Persuna minn Triq il-Qrendi, qed titlob li dik is-sleeping policeman li kien fadlilha żewġ biċċiet u tneħħiet kompletament, ftit ġimgħat ilu, terġa tiġi installata kollha. Kien hemm qbil li ssir waħda fil-kantuniera fil-liwja bejn Qrendi u ż-Żurrieq.<br>• Persuni qed jitolbu biex Triq Napuljun u Triq P P Pullicino jsiru one way bid-direzzjoni li jkunu waqt il-festi tar-raħal. Dan għaliex is-sistema tat-traffiku taħdem aħjar u ż-żewġ toroq ma jifilħux vettur b'żewġ direzzjonijiet. Kien hemm qbil li ssir petizzjoni mir-residenti u terġa titressaq fis-seduta li jmiss.<br>• Intalbet sleeping policeman fi Triq Napuljun k/m Triq il-Kittinija fejn hemm ġnien żgħir. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Ġiet approvata minn TM t-traffic management – One way system fi Triq l-Inġiniera. It-tabelli ġew ordnati. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob li d-direzzjoni ssir bil-kontra ta' dik mitluba. Jiġifieri li vettura tkun tista toħroġ minn Triq l-Inġiniera għal Triq il-Kbira u ma tistax tidħol minn Triq il-Kbira għal Triq l-Inġiniera. Kien hemm qbil li jerġgħa jinġieb il-permess minn TM.<br>• Wara laqgħa mar-reġjun Punent, kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jidħol bi sħab fil-kampanja World Cleanup the World Camaign 2022 u jsir tindif bl-għajnuna ukoll tal-Iscouts taż-Żurrieq, biex jitnaddaf wara Ġnien il-Ġibjun. Kien hemm qbil li meta jkollna l-ġurnata fissa, tinġieb fuq fb u jiġi mistieden il-pubbliku.<br>• Wara li fl-aħħar seduta kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna ta' Clean Malta biex jinkinsu t-toroq, Is-Sindku, l-Kunsillier Kenneth Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Direttur Ġenerali ta' Clean Malta u aċċetta li jgħati l-għajnuna bi ħlas ta' żewġ kenniesa fuq iż-Żurrieq. Dawn ser jibdew mill-1 ta' Settembru, għal żmien ta' xahrejn. Il-prezz ser ikun ta' 94E li teskludi l-Vat ta' żewġ kenniesa għal kull jum. Dan sakemm jibda l-kuntratt il-ġdid.<br>• It-talba ta' fondi li l-Kunsill għamel biex tiġi rrestawata n-niċċa ta' San Pawl, fi Triq San Bartilmew, ġiet approvata u x-xogħol ser ikun jista jibda fix-xhur li ġejjin.<br>• Fir-rigward tat-traffic management fi Triq G M Callus u Vjal l-Indipendenza, TM tat l-opinjoni tagħha fir-rigward ta' traffic management. Din ġiet murija fis-seduta. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipprova jagħmel il-marki fit-toroq kif approva TM. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal sleeping policeman ukoll.<br>• L-instructor tal-Yoga qed titlob li żżid il-pagament tagħha b'5E kull siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'dan ix-xahar attendew biss żewġ persuni għas- |

| | | |
|---|---|---|
| | | sezzjonijiet u mhux qed tkun vijabli għall-Kunsill. Jekk ma jkunx hemm konkorrenza jitwaqqfu. Il-Kunsill għandu jitlob li ż-żieda fil-prezz tagħh għandu jibda mill-1 ta' Novembru u mhux mill-ewwel ta' Ottubru. |
| | | |
| 39.9.2 | | **SPI/SCI/08/2022 -ESPRESSJONI TA' INTERESS – MILIED 2022**<br>**Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li** Ir-Reġjun Punent qed iħajjar lill-Kunsilli biex jagħmlu attivitajiet u l-Kunsill iħallas 10% tal-ispiża. Kien hemm qbil unanimu li għada 25 ta' Awwissu, ssir laqgħa urġenti mal-organizzaturi u r-Reġjun Punent u dak li jiddeċiedu s-Sindku u l-Kunsilliera li ser jattendu għal-laqgħa, l-Kunsill japprovah unanimament. Dan minħabba l-urġenza tal-applikazzjoni. |
| | | |
| 39.9.3 | | Kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla sabiex jiġu eżawriti l-punti kollha fuq l-aġenda. |
| | | |
| 39.9.4 | | **Tender tal-Knis.**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġeriet li l-aġġudikaturi tat-tender tal-knis, ikollna persuna mill-Kunsill u tnejn oħra indipendenti mill-Kunsill. Kien hemm qbil fuq l-ismijiet li ġew issuġġerieti. Iż-żewġ persuni li ġew ikkuntatjati lesti li jgħamlu x-xogħol volontarjament.<br><br>***L-offerenti kienu dawn:***<br>Sandro Caruana - 37,6771.20<br>WM Environmental Ltd – 37,6771.20<br>Massimo Sacco – 39,5686<br>Joseph Cassar Agius and Keven Farrugia – 37,6771.21<br>Christopher Bonello – 37,6771.20<br>Owen Borg – 37,6771.20<br><br>Kien hemm qbil li r-rappreżentant tal-Kunsill bħal aġġudikar tkun Dr Tiffany Ann Attard. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***39.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 39.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numru 8 u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 128 u 129. |
| | | |
| ***39.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 39.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €54,559.54 |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kuntrattur WM Environment m'għandux jitħallas tax-xogħol li suppost għamel fuq il-ġonna u soft areas, għalix m'għamel xejn f'dawn l-aħħar xhur. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsillier Tiffany Ann Attard u Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***39.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 39.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:40 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 ta' SETTEMBRU, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _28 ta' SETTEMBRU, 2022.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**